# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 19**

**Rikors numru 104/19/1 GMG**

**Elton John Mifsud**

**v.**

**Port Workers Board, u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u b'digriet tal-5 ta' Ġunju 2019 Malta Dockers' Union (reġ. nru. 287) ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*, u b'digriet tat-3 ta' Diċembru 2019 ġie msejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali, li b'digriet tas-7 ta' Lulju 2020, l-isem "Avukat Ġenerali" ġie sostitwit bl-"Avukat tal-Istat"**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-'Port Workers Board' u l-'Awtorità għat-Trasport f'Malta' minn sentenza *in parte* mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Frar, 2021 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza

appellata") li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, warrbet id-difiża tal-appellanti (jiġifieri ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom) li mhumiex il-leġittimi kontradditturi għall-ilmenti tal-attur, u minflok laqgħet l-istess difiża (jiġifieri l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu) sa fejn għandu x'jaqsam l-imsejjaħ fil-kawża Avukat tal-Istat, u konsegwentement ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju;

2. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

"***1. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti***

*L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija ta` natura preliminari.*

*L-attur ighid li l-konvenuti huma legittimi kontradditturi tieghu in vista tan-natura tal-azzjoni.*

*Ghar-rigward tal-locus standi tal-konvenuti, il-kjamat fil-kawza jidher li jikkondividi l-linja tal-attur.*

*L-argument kollu tal-konvenuti joqghod fuq il-fatt li huma ma jillegislawx izda japplikaw ligijiet; kwindi la qeghda tkun attakkata l-ligi, huma jistghux jitqiesu bhala kontradditturi tal-attur.*

*a)* ***Il-Bord***

*Il-qorti tirreferi ghas-sentenza taghha (sede kostituzzjonali) tad-29 ta` Novembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet Victoria Cassar v. Avukat Generali et (liema sentenza kienet ikkonfermata fl-intier taghha mill-Qorti Kostituzzjonali b`decizjoni moghtija fis-7 ta` Ottubru 2019).*

*F`dik il-kawza, il-Bord kien parti mhux l-Awtorita`.*

*Parti ohra fil-kawza kien l-Avukat Generali ghaliex fit-talbiet ir-rikorrenti kienet qeghda titlob it-thassir ta` legislazzjoni.*

*Dak li nghad f`din is-sentenza dwar il-locus standi tal-Bord isib applikazzjoni fil-kawza odjerna.*

*Il-qorti rrilevat :-*

> *"Dwar min ghandu jitqies bhala legittimu kontradittur f`azzjonijiet bhal dik tal-lum, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza li tat fis-7 ta` Dicembru 1990 fil-kawza fl-ismijiet Joseph Abela vs L-Onor. Prim Ministru et inghad hekk :-*
>
> *... fil-kawzi ta` natura kostituzzjonali bbazati fuq id-drittijiet fundamentali, il-legittimi kontraditturi ta` dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, ghall-kummissjoni jew ommisjoni, ta` xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-ligi; Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuna tal-ewwel kategorija jistghu jkunu responsabbli biex jaghtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta` dritt fundamentali, tissanzjoni. It-tielet kategorija mbaghad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawza, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala` fuq jew waqt xi procedura gudizzjarja;" (enfasi tal-Qorti).*
>
> *Ma hemmx dubju illi dak li wassal ghal dawn il-proceduri kollha sa minn minn l-ewwel kawza ntavolata minn Victoria Cassar lura fl-1993 kienet id-diskriminazzjoni a bazi ta` sess. Kien ghalhekk illi matul il-proceduri hija lmentat kemm dwar il-validita` tal-ligi, u kif ukoll mill-mod kif din giet applikata mill-Bord dwar il-Haddiema tal-Port, billi dan tal-ahhar sarraf fi pregudizzju fil-konfront taghha.*

***Il-Bord dejjem kien parti integrali fil-proceduri u ma setax jonqos milli jkun billi ladarba kien il-Bord li kien qieghed ihaddem il-ligi kellu allura jkun l-istess Bord illi jwiegeb ghal dak l-ghemil anke jekk ma kienx hu li ghamel ir-Regolamenti.***

*Ghandu jittiehed kont ukoll tal-fatt illi pendenti l-proceduri civili u kostituzzjonali, l-Bord ghadda l-licenzja li kienet ta` missier ir-rikorrenti lil huh Joseph Abela. Dan sehh nonostante talba specifika tal-attrici fir-rikors taghha fil-proceduri civili sabiex il-Bord ma jimpjega lil hadd.*

*Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell li kienet cara dwar il-kwistjoni.*

*Fis-sentenza tas-26 ta` Mejju 2017 (supra) kien stabbilit illi l-Bord applika l-ligi korrettement minkejja li dik il-ligi kienet sussegwentement dikjarata li tmur kontra l-Kostituzzjoni. Fil-mument li fih inqalghet il-vertenza, il-ligi kienet dik u l-Bord certament ma kellux ghazla ghajr illi jottempera ruhu u japplika dik il-ligi hekk kif kienet.*

*Il-Qorti tosserva wkoll illi l-Qorti tal-Appell iddikjarat illi l-Bord ma kienx responsabbli ghad-danni.*

***Ghalkemm il-Bord m`ghandux jintalab iwiegeb hu ghat-telf pekunjarju soffert mill-attrici, ma jistax jezimi ruhu minn kull responsabbilita` vis-a`-vis r-rikorrenti.***

***Il-Qorti sejra tichad l-eccezzjoni preliminari ta` Joseph Degabriele noe billi hija tal-fehma konsiderata illi anke ghall-fini tal-integrita` tal-gudizzju il-Bord huwa legittimu kontradittur.***

*Il-Bord ihaddem il-ligi fl-ambitu ta` s-setghat u l-kompiti tieghu. Ghalkemm m`ghandux setgha jaghmel ligijiet u lanqas ighaddi regolamenti, irid iwiegeb ghall-ghemil tieghu propju ghaliex setghat u kompiti igorru maghhom obbligi.*

***Safejn jirrigwarda l-Bord, l-eccezzjoni qeghda tkun respinta.***

***b) <u>L-Awtorita`</u>***

*Fl-Art 2 tal-Kap 171, jinghad li kull fejn fl-Ordinanza ssir referenza ghal "Awtorita" dik tkun tfisser l-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta u cioe` l-Awtorita` konvenuta. L-istess artikolu jaghti tifsira ta` haddiem tal-port u cioe` persuna impjegata f`port fl-ghoti ta` servizzi ta` xorta temporanja li jinvolvu l-manigg ta` merkanzija fil-process ta` taghbija jew hatt ta` merkanzija ghal fuq jew minn fuq bastiment, minn jew ghal xi post fuq l-art, persuna hekk impjegata jew awtorizzata mill-Awtorità jew hekk impjegata minn principal ta` haddiema tal-port biex timmanigga merkanzija f`mahzen u persuna impjegata fil-manigg ta` merkanzija, li l-Ministru jista` minn zmien ghal zmien jippreskrivi, minn tinda tal-merkanzija in transit jew minn munzell jew minn fuq il-moll fl-apert ghal fuq vettura jew fit-tghaqqid, fl-aggruppar jew fl-izmuntar ta` merkanzija f`taghbija jew minn taghbija f`unità wahda f`port, u "xoghol fil-port" ghandha ghall-finijiet tal-Att tiftiehem skont hekk (enfasi ta` din il-qorti). Imbaghad fl-Art 3 jinghad illi "ebda persuna m`ghandha taghmilha ta` haddiem tal-port jekk ma tkunx registrata bhala hekk mal-Awtorita`, li ghandha zzomm registru ghal dak l-iskop." (enfasi ta` din il-qorti).*

*Fl-isfond ta` dak li tghid il-ligi stess, mhijiex fondata l-pretensjoni tal-Awtorita` konvenuta illi mhijiex legittima kontradittur tal-attur, tenut kont tan-natura tal-azzjoni attrici kif riflessa fil-premessi u fit-talbiet.*

*Kontra ta` dak pretiz in sostenn tal-eccezzjoni, l-attur mhuwiex qieghed jitlob l-impunjazzjoni tar-regolamenti citati fl-ewwel talba izda l-applikazzjoni taghhom fil-konfront tieghu. Dawn huma l-parametri tal-azzjoni kif impostata mill-attur. Jirnexxielux jipprova dak li qed jitlob hija kwistjoni ta` mertu li ghad trid tkun mistharrga. Imma li l-Awtorita`, li tirrikonoxxi li l-kompitu taghha huwa li twettaq il-ligijiet (inkluz ir-regolamenti), tghid li m`ghandhiex locus standi fl-azzjoni kif promossa mill-attur hija posizzjoni legali nsostenibbli.*

***L-ispejjez huma a kariku tal-konvenuti.***

***2. <u>L-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza</u>***

> *Din l-eccezzjoni hija ta` natura preliminari. L-Avukat tal-Istat jeccepixxi li abbazi tal-Art 181B tal-Kap 12 mhuwiex il-legittimu kontradittur tal-attur tenut kont tan-natura tal-azzjoni promossa mill-attur.*
>
> *Il-qorti ssib li l-eccezzjoni hija fondata. Skont l-Art 181B(2) tal-Kap 12, l-Avukat tal-Istat (qabel l-Avukat Generali) jirrapprezenta lill-Gvern f`dawk l-atti u f`dawk l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern. Fil-kaz odjern, l-attur mhuwiex jitlob it-thassir ta` ligi jew regolamenti. Mhuwiex jirreklama ksur tal-jeddijiet fondamentali tieghu. Li qed jallega huwa li bl-applikazzjoni tar-regolamenti li ccita huwa qieghed ikun diskriminat u sejjes iz-zewg talbiet li ressaq fuq din il-pretensjoni.*
>
> *L-Avukat tal-Istat ma jinkwadra ruhu mkien fl-azzjoni kif promossa mill-attur, lanqas ghall-fini ta` integrita` ta` gudizzju peropju ghaliex l-Avukat tal-Istat mhuwiex involut fl-applikazzjoni tal-legislazzjoni citata mill-attur.*
>
> ***Qeghda tilqa` l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat, spejjez ghall-attur, billi kien l-attur li talab u kiseb minn din il-qorti diversament presjeduta l-kjamata fil-kawza tal-Avukat Generali (illum Avukat tal-Istat) [ara fol 166 u 167]*** ";

3. Il-'Port Workers Board' u l-'Awtorità għat-Trasport f'Malta' (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-appellanti") ma qablux ma' din is-sentenza u fis-17 ta' Marzu, 2021, ressqu rikors tal-appell li għar-raġunijiet li ġew imfissra minnhom talbu lil din il-Qorti sabiex: "*tħassar is-sentenza tal-25 ta' Frar, 2021 fl-ismijiet fuq ċitati u, minflok, tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-appellati Port Workers Board u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-ġudizzju, u/jew tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat, bl-ispejjeż kontra l-appellat.*";

4. Kemm l-attur u kif ukoll l-imsejjaħ fil-kawża (minn issa 'l hemm imsejħin bħala "l-appellati") laqgħu għal dan l-appell billi permezz ta' risposti mressqa minnhom fit-18 ta' Lulju, 2022, u fil-31 ta' Jannar, 2023

rispettivament, fissru għalfejn il-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti huma tajba u b'hekk l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

5. Bi tweġiba mressqa fid-9 ta' Jannar, 2023, l-intervenuta fil-kawża l-'Malta Dockers Union', issottomettiet li l-kawża 'hija monka u ma tistax titmexxa 'l quddiem'. L-avukat tal-intervenuta kompla jelabora aktar dwar dan waqt is-smigħ tal-31 ta' Jannar, 2023, u sewwasew waqt li kien qed iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu bil-fomm quddiem din il-Qorti, fisser kif l-ebda mill-konvenuti ma setgħu jitqiesu bħala l-leġittimi kontradittur għat-talbiet tal-attur;

6. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, semgħet lill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-18 ta' April, 2023, kif ukoll rat l-atti kollha tal-kawża, hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

7. L-appellanti qegħdin jattakkaw is-sentenza appellata fuq is-saħħa ta' **tliet aggravji**, li l-ewwel tnejn huma dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li ssib li kemm il-'Port Workers Board' (il-'Bord') kif ukoll l-'Awtorità għat-Trasport f'Malta' (l-'Awtorità) huma leġittimi kontradittur għat-talbiet tal-attur, filwaqt li t-tielet aggravju huwa mbagħad dwar il-ħelsien tal-Avukat

tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju, u dan fuq is-saħħa tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu, li fiha qajjem id-difiża li huwa ma jgawdix mill-leġittimazzjoni passiva sabiex iwieġeb għall-azzjoni tal-attur;

8. Ġaladarba li l-kwistjoni kollha li għandha tkun mistħarrġa f'dan l-appell iddur madwar l-istess punt legali, u sewwasew dwar jekk il-konvenuti u l-imsejjaħ fil-kawża jistgħux jitqiesu bħala leġittimi kontraditturi għall-azzjoni ta' Elton John Mifsud, il-Qorti jidhrilha li tista' tistħarreġ l-aggravji kollha tal-appellanti flimkien. Qabel ma' tagħmel hekk, jixraq però li jingħata sfond qasir tal-argumenti li qed jiġu mressqa mill-appellanti, u dan b'sostenn tal-aggravji tagħhom u fid-dawl tal-azzjoni kif imressqa mill-attur appellat;

9. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>**, l-appellanti jibdew billi jagħmlu referenza lejn it-talbiet tar-rikors maħluf li bih inbdiet din il-kawża. Filwaqt li jgħidu li minn hemmhekk jidher kif l-azzjoni tal-attur hija sempliċiment dikjaratorja, jargumentaw li dak li l-attur appellat qiegħed ifittex huwa li l-qorti tagħmel dikjarazzjoni li l-liġijiet u / jew il-*'policies'* li hemm fis-seħħ, u li joħorġu mir-'Regolamenti Dwar il-Ħaddiema tal-Port'[1] għandhom fil-prinċipju jagħtuh il-jedd u jippermettulu li ismu jitniżżel fuq ir-'Reġistru tal-Ħaddiema tal-Port' u / jew jagħtuh liċenzja skont l-'Oridinanza Dwar il-Ħaddiema tal-Port'[2]. F'dan is-sens, ifissru li huma m'għandhom l-ebda rwol fid-dħul jew

[1] Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port (A.L. 90 tal-1993, L.S. 171.02).
[2] Ord. XIV tal-1962 dwar il-Ħaddiema tal-Port (Kap. 171), kif emendata minn żmien għal żmien.

fil-bdil ta' liġijiet imsemmija mill-attur u jargumentaw li l-preżenza tagħhom fil-kawża, la hija meħtieġa sabiex tkun tista' tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet tal-attur, u wisq anqas sabiex jiġu enforzati dawk it-talbiet, f'każ li jintlaqgħu. Jistqarru li l-pożizzjoni tagħhom f'din il-kawża setgħet però tkun differenti li kieku t-talbiet ma kinux biss dikjaratorji u li kieku huma possibilment setgħu jiġu ordnati li jniżżlu isem l-attur fir-Reġistru tal-Ħaddiema tal-Port u / jew jagħtuh liċenzja skont l-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port. Skont l-appellanti, l-attur però ma ressaq l-ebda talba ta' din l-għamla u b'hekk l-Ewwel Qorti kien messha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tagħhom u ħelsithom mill-ħarsien tal-ġudizzju;

10. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** l-appellanti qegħdin imbagħad ikomplu jibnu fuq dak li ssottomettew fl-aggravju ta' qablu billi jirreferu għall-Artikolu 17 tal-'Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port', u dan biex juru li huwa l-ministru responsabbli għall-portijiet li huwa mogħni bis-setgħa li jagħmel ir-regolamenti "*għall-esekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza*". Fid-dawl ta' dan, jisħqu li huma m'għandhom l-ebda setgħa fil-liġi li jbiddlu l-liġijiet li qed jilmenta dwarhom l-attur, u li huma stess huma soġġetti għal dawk il-liġijiet u regolamenti li hemm fis-seħħ;

11. Fit-**<u>tielet aggravju</u>**, l-appellanti mbagħad idawru ħarsithom fuq dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti ħelset lill-imsejjaħ fil-kawża Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju, u dan wara li laqgħet l-

ewwel eċċezzjoni tiegħu li biha kien qajjem sewwasew id-difiża li ma huwiex il-leġittimu kontradittur għall-pretensjonijiet tal-attur appellat. Wara li jirreferu kemm għall-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll lejn it-Tieni Skeda tal-Kap. 595 tal-Liġijiet ta' Malta, jargumentaw li l-azzjoni mressqa minn Elton John Mifsud ma setgħetx tiġi diretta lejn xi kap speċifiku ta' xi Dipartiment tal-Gvern, u minħabba f'hekk l-azzjoni kellha tittressaq kontra l-Avukat tal-Istat li, fl-aħħar mill-aħħar, għandu wkoll jitqies bħala l-leġittimu kontradittur peress li l-kontestazzjoni tal-attur iddur madwar il-liġijiet imdaħħla mill-Istat;

12. Wara li l-Qorti għarblet l-argumenti kollha tal-appellanti u dan kemm fid-dawl tas-sentenza appellata kif ukoll fil-qafas tat-tweġibiet tal-appellati u tal-intervenuta fil-kawża, il-Qorti jidhrilha li dan l-appell huwa mistħoqq biss sa fejn għandu x'jaqsam it-tielet aggravju. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni fuq għadd ta' konsiderazzjonijiet li lkoll ser ikunu qed jiġu mfissra fil-paragrafi ta' wara dan;

13. Bħala punt ta' tluq, ikun ta' siwi li jibda biex jitfakkar li fl-istħarriġ ta' kwistjonijiet ta' din ix-xorta, hemm il-ħtieġa li qabel xejn issir referenza lejn ir-rikors maħluf li bih tkun tnediet il-kawża, u dan sabiex il-Qorti tkun tista' tagħraf dak ir-riżultat li l-attur ikun qiegħed jipprova jikseb permezz tat-talbiet tiegħu[3];

---

[3] Ara f'dan is-sens App. Ċiv. **26.10.2022** fil-kawża fl-ismijiet ***Dieter Achtelstetter v. Fish and Fish Limited*** (App. 1168/2018/1) §§ 13 – 14 . Ara wkoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri)

**(i)** Minn ħarsa lejn ir-rikors maħluf li bih inbdiet din il-kawża, jidher li l-ilment tal-attur appellant huwa fis-sens li meta missieru rtira bħala ħaddiem liċenzjat tal-port, l-attur ma setax jirreġistra sabiex ikun jista' jiret dik il-pożizzjoni skont il-liġi, u dan għaliex fis-sena 1996, u sewwasew fiż-żmien li fih missieru laħaq l-età tal-irtirar, huwa kien għad kellu biss ħmistax-il sena u b'hekk ma kienx tal-età kif kienet titlob il-liġi. Filwaqt li jfisser kif bl-Avviż Legali 135 tas-sena 2017 saru bosta tibdiliet fir-'Regolamenti Dwar il-Ħaddiema tal-Port', u dan sabiex nies bħalu, li kienu għadhom minuri meta l-ġenitur tagħhom irtira mix-xogħol, jingħataw 'id-dritt tal-wirt', jilmenta li "*l-Avviż Legali appena indikat ma ħasibx għall-qagħda [tiegħu]*"[4] u b'hekk huwa ftit li xejn għandu tama li xi darba jkun jista' jiġi mpjegat bħala ħaddiem liċenzjat tax-xatt. Jargumenta li din is-sitwazzjoni hija "*għal kollox diskriminatorja kont[rih]*" u b'mod partikolari jissottometti li "***jekk il-qagħda, kif maħsuba fl-Avviż Legali indikat ser tibqa' titħalla <u>titħaddem</u> kif inhi**, u mingħajr ma tingħata l-opportunità lill-esponent biex jaġevola ruħu minnha kif hekk bi dritt imiss lilu, huwa ser isofri inġustizzja u jitqiegħed f'pożizzjoni ta' inikwità*"[5]. Fid-dawl ta' dawn l-ilmenti, l-attur appellat imbagħad ressaq żewġ talbiet, li jaqraw dan li

fil-kawżi fl-ismijiet ***L-Avukat Dr. Aron Mifsud Bonnici noe v. European Institute of Education Limited, L-Avukat Antoine Naudi noe. v. John Abela Limited,*** u ***Anthony Cauchi et. v. Joseph Spiteri et.***, deċiżi fit-**13 ta' Marzu, 2009, 2 ta' Ottubru, 2009**, u **9 ta' Lulju, 2008**, rispettivament.

[4] Silta meħuda mir-raba' premessa tar-rikors maħluf.

[5] Silta meħuda mill-ħames premessa tar-rikors maħluf. (L-enfażi ġiet miżjuda mill-Qorti).

ġej: li l-Qorti (i) *"Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-esponent qed jiġi avversament diskriminat* ***bit-tħaddim tal-liġijiet / u jew policies viġenti****,* ***senjatament ir-Regolamenti Dwar il-Ħaddiema tal-Port (L.S. 171.02) kif emendat bl-Avviż Legali Nru. 135. tas-sena 2017*** *u dana billi* ***inġustament qed jiġi mċaħħad milli jiġi reġistrat fuq ir-Registru tal-Ħaddiema tal-Port u/jew jingħata l-liċenzja li jistħoqqlu bi dritt****",* u (ii) *"Tiddikjara u tiddeċiedi għalhekk illi l-esponent* ***għandu jkollu d-dritt li ismu jitniżżel fuq ir-Reġistru tal-Ħaddiema tal-Port u/jew jingħata l-liċenzja a tenur tal-Port Workers Ordinance*** *(Kap. 171 tal-Liġijiet ta' Malta)"*[6];

14. Minn dak li għadu kif issemma, u bla ma din il-Qorti titqies li qiegħda b'xi mod tgħaddi xi fehma jew ġudizzju dwar is-siwi ta' dawk it-talbiet, huwa ċar biżżejjed għal din il-Qorti li, kemm fil-premessi kif ukoll fit-talbiet, l-attur qiegħed fost l-oħrajn jilmenta mit-tħaddim tal-liġijiet u / jew il-'*policies*', b'rabta mar-'Regolamenti Dwar il-Ħaddiema tal-Port', u ġaladarba li waqt is-smigħ tad-29 ta' Ottubru, 2020, l-avukati tal-partijiet ivverbalizzaw li kienu qed jaċċettaw bħala stqarrija korretta tal-fatti, dak li ġie dikjarat mill-avukat tal-appellanti, u sewwasew li: "***Id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 171 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti magħmula taħtu huma applikati minn Transport Malta flimkien mal-***

[6] L-enfasi huwa tal-Qorti.

***Port Workers Board***”[7], mela allura l-appellanti ma jistgħux jgħidu li ma jgawdux mil-leġittimazzjoni passiva sabiex iwieġbu għall-ilmenti tal-attur;

15. Filwaqt li dak li għadu kif qed jintqal huwa biżżejjed sabiex jiġu miċħuda l-ilmenti tal-appellanti sa fejn qed jgħidu li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tagħhom u teħlishom mill-ħarsien tal-ġudizzju, il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ hemm raġuni aktar importanti għalfejn il-preżenza tal-'Port Workers Board' u l-'Awtorità għat-Trasport f'Malta' hija meħtieġa f'din il-kawża. Għalkemm fl-ewwel aggravju tagħhom l-appellanti qed jippruvaw jitfgħu l-bżar fl-għajnejn billi jargumentaw li m'hemm l-ebda talba li fiha l-attur qed jitlob lill-Qorti sabiex tordnalhom iniżżlu ismu fir-reġistru tal-ħaddiema, jew li jagħtuh liċenza skont l-'Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port', din il-Qorti jidhrilha mod ieħor. Fil-fehma tal-Qorti, il-mod ta' kif tfasslet it-tieni talba tippremetti li f'każ li l-Qorti li sejra tqis il-mertu tat-talbiet tal-attur appellat ser tilqa' t-talbiet tiegħu fil-mertu u tiddeċiedi li għandu jedd li "***ismu jitniżżel fuq ir-Reġistru tal-Ħaddiema tal-Port u/jew jingħata l-liċenzja a tenur tal-Port Workers Ordinance** (Kap. 171 tal-Liġijiet ta' Malta)*"[8], Elton John Mifsud ser ikollu f'idejh titolu eżekuttiv li bih huwa ser ikollu l-jedd li ismu jitniżżel fir-Reġistru tal-Ħaddiema tal-Port, jew li saħansitra jingħata liċenza bħala ħaddiem tal-port. Ġaladarba li kien l-avukat tal-appellanti stess li fil-verbal imsemmi fil-paragrafu ta' qabel dan stqarr li "***l-entità***

[7] Ara l-verbal tas-smigħ tad-29 ta' Ottubru, 2020, f'paġna 185 tal-proċess.
[8] Silta meħuda mit-tieni talba tar-rikors maħluf f'paġna 3 tal-proċess.

***responsabbli għall-ħruġ ta' liċenzja ta' ħaddiem tal-port hija Transport Malta wara li ssir l-approvazzjoni tal-Port Workers Board***"[9], l-attur għamel sewwa li ħarrek lill-appellanti, għaliex fin-nuqqas t'hekk, huwa kien ser jsib ma' wiċċu l-perikolu li l-azzjoni tiegħu ma kienet ser twasslu mkien, u dan għaliex kif insibu fl-Artikolu 237 tal-Kap. 12: "*[i]s-sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rappreżentant leġittimu tiegħu, ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza*". Marbut sfiq ma' dan, għandu jiġi wkoll osservat li waqt li kien qed jiġi kontro-eżaminat fis-seduta tas-27 ta' Mejju, 2019, Dr. Robert Vassallo, li tressaq jixhed bħala rappreżentant tal-Awtorità, mhux biss qabel li hija l-Awtorità mħarrka li żżomm ir-reġistru tal-ħaddiema tal-port, iżda wkoll stqarr li hija l-istess Awtorità, flimkien mal-Bord, li tqis jekk persuna hijiex eliġibbli li timla vakanza bħala ħaddiem tal-port liċenzjat[10]. Fiċ-ċirkustanzi, l-appellanti ma kellhom qatt iressqu l-ewwel eċċezzjoni tagħhom, aħseb u ara kemm jibqgħu jinsistu dwarha f'dan l-istadju;

16. Lanqas ma jista' jkun ta' xi fejda għall-appellanti l-argument li qed iressqu fit-tieni aggravju u sewwasew li kemm il-'Port Workers Board', kif ukoll l-'Awtorità għat-Trasport f'Malta' mhumiex mogħnija bis-setgħa jew bid-diskrezzjoni li jagħtu lill-attur il-jeddijiet li qed jippretendi, u dan għar-

---

[9] Ara l-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2020, f'paġna 185 tal-proċess.
[10] Ara l-kontroeżami ta' Dr. Robert Vassallo li sar waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju, 2019, f'paġni 29 u 30 tal-proċess.

raġuni li huma jistgħu biss japplikaw dak li hemm fil-liġi. Fil-fehma tal-Qorti, argument bħal dan huwa wieħed fil-mertu u għandu jiġi mistħarreġ f'ħinu u f'waqtu. Huwa mifhum fil-ġurisprudenza li l-istħarriġ li għandu jsir mill-Qorti sabiex tiddeċiedi eċċezzjoni ta' din ix-xorta, huwa biss sal-grad ta' mad-daqqa t'għajn, u l-fatt li l-Qorti ssib li konvenut huwa l-leġittimu kontradittur huwa dejjem bla ħsara għal-istħarriġ tat-talbiet fil-mertu[11]. F'dan l-istadju, l-argumenti li qed jitqajmu mill-appellanti fit-tieni aggravju ma jistgħu jwassluhom imkien u b'hekk, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta għaddiet biex ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-appellanti u ma ħelsithomx mill-ħarsien tal-ġudizzju;

17. Ma jistax però jingħad l-istess dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li teħles lill-Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju. Fil-fehma tal-Qorti l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti li "*l-attur mhuwiex jitlob it-tħassir ta' liġi jew regolamenti*"[12] hija wisq iebsa u formalistika. Il-Qorti qed tgħid hekk għaliex fil-każ li l-attur ser ikun qiegħed jingħata raġun fil-mertu, u t-talbiet tiegħu ser jintlaqgħu, dan kollu ser ikun qed iwassal għall-effett prattiku li l-partijiet tal-liġi li minnha tnisslet din it-tilwima mhumiex ser jifdlilhom effett fil-konfront tiegħu. F'kull każ, huwa wkoll bil-wisq naturali li jekk l-attur ser ikun qed jingħata raġun fl-ilmenti tiegħu, dan kollu ser ikun ukoll qed ifisser li bilfors hemm xi ħaġa ħażina fil-liġi li qed jilmenta dwarha[13].

---

[11] Ara f'dan is-sens ***Charlayne Josephine Mintoff v. Jason George Mintoff et.'*** deċiża minn din il-Qorti fis-**7 ta' Novembru, 2022**, (App. Ċiv. 29/2020/1).
[12] Silta meħuda minn paġna 15 tas-sentenza appellata, f'paġna 207 tal-proċess.
[13] Ara f'dan is-sens Kost. **12.5.2022** fil-kawża fl-ismijiet ***Amand Paul Veranneman v. L-Avukat tal-Istat et.*** §9

Fil-fehma tal-Qorti, is-sustanza għandha tirbaħ fuq il-forma, u minkejja li l-attur ma niżżilx xi kliem partikolari li bih talab xi dikjarazzjoni speċifika li l-liġi nfisha għandha titqies li ma tiswiex fil-konfront tiegħu, jew inkella li dik il-liġi hija ħażina, l-attur qiegħed impliċitament jagħmel dan. Wara kollox dan kollu ġie mistqarr bl-aktar mod-ċar mill-attur stess, u dan kemm fir-rikors li permezz tiegħu talab is-sejħa fil-kawża tal-Avukat tal-Istat[14], kif ukoll fit-trattazzjoni bil-fomm li nżammet quddiem l-Ewwel Qorti u li fiha l-avukat tal-attur qal ċar u tond li "*f'din l-azzjoni qed issir kritika u attakk fil-konfront tal-liġi nnifisha wkoll, mija fil-mija*"[15];

18. Huwa propju dak li għadu kif qed jiġi osservat li jagħti lill-Avukat tal-Istat il-leġittimazzjoni passiva sabiex jiddefendi din il-kawża. Kif ġie mfisser fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' '***Paul Demicoli v. Ministru tal-Politika Soċjali et.***', deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Lulju, 2019, daqskemm "*meta jiġi impunjat Att tal-Parlament il-konvenut xorta jkun l-Avukat Ġenerali, mhux il-Parlament, daqstant ieħor meta jiġi impunjat Avviż Legali l-konvenut ikun l-Avukat Ġenerali, mhux il-ministru li jkun għamel dak l-Avviż Legali*"[16]. Avviż Legali huwa għodda leġislattiva daqskemm huwa strument leġislattiv Att tal-Parlament, u f'dawk l-azzjonijiet li b'xi mod jew ieħor tkun qed tiġi attakkata l-liġi jew it-tħaddim

---

[14] Ara l-ħames premessa tar-rikors tal-11 ta' Novembru, 2013, f'paġna 166 tal-proċess.
[15] Ara t-traskrizzjoni tat-trattazzjoni bil-fomm li nżammet quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2020, u b'mod partikolari, fuq in-naħa ta' wara ta' paġna 189 u 190 tal-proċess.
[16] Ara App. Ċiv. **12.7.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Demicoli v. Ministru tal-Politika Soċjali et.*** §§ 9 sa 12.

tagħha, l-Avukat tal-Istat għandu jiġi mħarrek biex jiddefendi l-liġi u dan f'isem il-Gvern;

19. Fid-dawl ta' dak kollu li għadu kif ingħad, il-Qorti taqbel mal-appellanti li l-Avukat tal-Istat ma kellux jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, u għalhekk it-tielet aggravju ser jintlaqa' għaliex mistħoqq;

**Decide:**

20. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' f'parti l-appell** tal-Port Workers Board u tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u b'hekk qed **tirriforma** s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Frar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dan billi:

(i) tħassarha f'dik il-parti li fiha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imsejjaħ fil-kawża Avukat tal-Istat u ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju, u minflok **tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u dan bl-ispejjeż ta' dik l-eċċezzjoni kontra l-istess Avukat tal-Istat.

(ii) mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata u dan sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza;

**Tordna** li l-appellanti Malta Dockers Union' għandha tbati **l-ispejjeż** tagħha hi stess, filwaqt li l-bqija tal-ispejjeż kollha marbuta mal-appell għandhom jitħallsu nofshom mill-appellanti Port Workers Board u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta solidalment bejniethom, filwaqt li n-nofs l-ieħor għandu jitħallas mill-Avukat tal-Istat; u

**Tordna** lir-Reġistratur sabiex jibgħat lura l-atti quddiem l-Ewwel Qorti u dan għat-tkomplija tal-kawża skont il-liġi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm